

- 5) Westfälische Drahtindustrie u Westfälische Drahtindustrie Verwaltungsgesellschaft mbH & Co. huma kkundannati in solidum għall-ħlas ta' multa ta' EUR 23 370 000.
- 6) Westfälische Drahtindustrie hija kkundannata għall-ħlas ta' multa ta' EUR 7 695 000.
- 7) Il-kumplament tar-rikors huwa miċħud.
- 8) Westfälische Drahtindustrie, Westfälische Drahtindustrie Verwaltungsgesellschaft mbH & Co. u Pampus Industriebeteiligungen GmbH & Co. għandhom ibatu n-nofs tal-ispejjeż tagħhom stess, inklużi dawk relatati mal-proċeduri għal miżuri provviżorji. Il-Kummissjoni għandha tbatu l ispejjeż tagħha stess u nofs l-ispejjeż ta' Westfälische Drahtindustrie, ta' Westfälische Drahtindustrie Verwaltungsgesellschaft mbH & Co. u ta' Pampus Industriebeteiligungen GmbH & Co., inklużi dawk relatati mal-proċeduri għal miżuri provviżorji.

(¹) ĠU C 301, 6.11.2010

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Lulju 2015 – *Fapricela vs Il-Kummissjoni*

(Kawża T-398/10) (¹)

(“Kompetizzjoni — Akkordji — Suq Ewropew tal-azzar għall-prestressing — Iffissar ta' kwoti u ta' prezzijiet, qsim tas-suq u skambju ta' informazzjoni kummerċjali sensittiva — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE — Kooperazzjoni maul il-proċedura amministrattiva”)

(2015/C 302/44)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Partijiet

Rikorrenti: Fapricela – Indústria de Trefilaria, SA (Ançã, il-Portugall) (rappreżentanti: inizjalment M. Gorrão-Henriques u S. Roux, avukati, sussegwentement T. Guerreiro, R. Lopes u S. Alberto, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Castillo de la Torre, P. Costa de Oliveira u V. Bottka, aġenti, assistiti minn M. Marques Mendes, avukat)

Suġġett

Talba għall-annullament u għall-bidla tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2010) 4387 finali, tat-30 ta' Ġunju 2010, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/38.344 – Azzar għall-prestressing), emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2010) 6676 finali, tat-30 ta' Settembru 2010, u bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2011) 2269, finali, tal-4 ta' April 2011.

Dispożittiv

- 1) *Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2010) 4387 finali, tat-30 ta' Ġunju 2010, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/38.344 – Azzar għall-prestressing), emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2010) 6676 finali, tat-30 ta' Settembru 2010, u bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2011) 2269, finali, tal-4 ta' April 2011, hija annullata sa fejn tikkonstata li Fapricela – Indústria de Trefilaria, SA kisret id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 101(1) TFUE billi pparteċipat, minbara fi ksur tal-imsemija dispożizzjoni fis-suq Iberiku, fakkordju li kien ikopri s-suq intern u mbagħad fi ħdan iż-Żona Ekonomika Ewropea (ŻEE) u sa fejn imponitilha multa ta' EUR 8 874 000.*

- 2) L-ammont tal-multa imposta fuq *Fapricela* – *Indústria de Trefilaria* huwa ffixsat għal EUR 8 874 000.
- 3) Il-kumpliment tar-rikors huwa miċħud.
- 4) Kull parti għandha tbat i-ispejjeż rispettivi tagħha.

⁽¹⁾ ĠU C 301, 6.11.2010.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-15 ta' Lulju 2015 – Emesa-Trefilería u Industrias Galycas vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-406/10) ⁽¹⁾

(“**Kompetizzjoni — Akkordji — Suq Ewropew tal-azzar għall-prestressing — Iffissar ta' prezzijiet, qsim tas-suq u skambju ta' informazzjoni kummerċjali sensittiva — Deċiżjoni li tikkonstata ksur tal-Artikolu 101 TFUE — Kooperazzjoni matul il-proċedura amministrattiva — Artikolu 139(a) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali**”)

(2015/C 302/45)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

Partijiet

Rikorrenti: Emesa-Trefilería, SA (Arteixo, Spanja); u Industrias Galycas, SA (Vitoria, Spanja) (rappreżentanti: A. Creus Carreras u A. Valiente Martin, avukati)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment V. Bottka u F. Castilla Contreras, sussegwentement V. Bottka u A. Biolan, aġenti, assistiti minn M. Gray, barrister)

Intervenjent insostenn tal-konvenuta: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (rappreżentanti: F. Florindo Gijón u R. Liudvinaviciute-Cordeiro, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament u għall-bidla tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2010) 4387 finali, tat-30 ta' Ġunju 2010, dwar proċedura għall-applikazzjoni tal-Artikolu 101 TFUE u tal-Artikolu 53 tal-Ftehim ŻEE (Każ COMP/38.344 – Azzar għall-prestressing), emendata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2010) 6676 finali, tat-30 ta' Settembru 2010, u bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C (2011) 2269, finali, tal-4 ta' April 2011.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) *Emesa-Trefilería, SA* u *Industrias Galycas, SA* għandhom ibatu l-ispejjeż tagħhom kif ukoll dawk tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea.
- 3) Il-Kummissjoni hija kkundannata tħallas lill-Qorti Ġenerali ammont ta' EUR 1 500 taħt l-Artikolu 139(a) tar-Regoli tal-Proċedura tagħha bħala rimbors għal parti mill-ispejjeż li kellha ssostni l-Qorti Ġenerali.

⁽¹⁾ ĠU C 301, 6.11.2010.